



KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 14 ta' Ġunju 2011 (15.06)  
(OR. en)

**11565/11**

**CDR 39**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL li taħtar żewġ membri Taljani u żewġ membri supplenti Taljani tal-Kumitat tar-Reġjuni

---

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**li taħtar żewġ membri Taljani  
u żewġ membri supplenti Taljani  
tal-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/EU u 2010/29/EU li jaħtru l-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015<sup>1</sup>.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Sergio CHIAMPARINO u s-Sur Savino Antonio SANTARELLA saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Luigi MONTANARO u s-Sur Giuseppe VARACALLI saru vakanti żewġ postijiet ta' membri supplenti.

ADOTTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22 u ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.

## *Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jiġi spiċċa fil-25 ta' Jannar 2015:

a) bħala membri:

- Is-Sur Alessandro COSIMI, *Sindaco del Comune di Livorno*
- Is-Sur Roberto RUOCCHI, *Vice Sindaco Comune Cerignola (FG)*

u

b) bħala membri supplenti:

- Is-Sinjura Laura ARDITO, *Consigliere comunale di Arese (MI)*
- Is-Sur Giuseppe VARACALLI, *Sindaco del Comune de Gerace (RC)* (bidla fil-mandat).

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill*

*Il-President*